**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 4 ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 117/2024**

**Professur John Andrew Schembri u**
**Anna Maria Pace Moore**
**(K.I. Nru. 118749M u 845551M b'mod rispettiv)**

**Vs**

**Victor Scalpello (K.I. Nru. 0281438M)**
**u L-Awtorita' tad-Djar bħala *amicus curiae***

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat mir-**rikorrenti** fit-28 ta' Frar, 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

**1**. *Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji assoluti tal-fond, appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn Block ta' appartamenti bin-numru ufficjali tlieta u hamsin (53) u bl-isem ta' "Astra Flats" fi Triq il-Bwieraq gewwa Birkirkara.*

**2.** *Illi r-rikorrenti huma propjetarji ta' l-imsemmija proprjetà hekk kif ahjar deskritt fir-rapport mhejji min-Nutar Pubbliku Dr. Naomi Mugliette illi kopja tieghu hi hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok: A**'.Ghall-kompletezza r-rikorrenti qed jannettu mal-prezenti r-ricerki relattivi ghall-provenjenza tal-fond mertu ta' din il-kawza u dawn qed jigu mmarkati bhala '**Dok: B**'.*

**3.** *Illi dan il-fond huwa prezentement mikri lill-intimat u ilu hekk mikri lilu ghal diversi snin, sa minn qabel is-sena 1995 u ghaldaqstant, ai termini tal-*

*Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat ghandu d-dritt jibqa' jirrisjedi fil-fond in kwistjoni.*
***4.** Illi l-imsemmi inkwilin jinsab ihallas l-ammont ta' tlett mija, disa' u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€369.24c) bhala kera fis-sena fuq il-fond fuq imsemmi bil-modalità ta' €184.62c kull sitt (6) xhur. Kopja ta' cedola ta' depozitu relattiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok: C**'. L-imsemmi inkwilin jgharaf lir-rikorrenti bhala s-sidien tal-proprjetà fuq deskritta u kif ukoll bhala s-sidien tal-kera relattiva hekk kif implicitament dezunt mic-cedola ta' depozitu li hu jressaq sabiex jiddepozita l-kera taht l-awtorità gudizzjarja.*

***5.** Illi permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021 (Att dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati), ir-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, gHandhom dritt jitolbu li l-kera tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni fl-1 ta' Jannar, 2024 u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera.*

***Ghaldaqstant,** ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord – prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuni u b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti u pertinenti ghall-kaz prezenti – jghogbu:*

***I.** Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat huwa l-inkwilin tal-fond appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn Block ta' appartamenti bin-numru ufficjali tlieta u hamsin (53) u bl-isem ta' "Astra Flats" fi Triq il-Bwieraq gewwa Birkirkara u dan ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***II.** Jordna u jwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilin li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili) u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien ghal zmien jissostitwixxuhom, liema test ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-inkwilin bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u l-31 ta' Dicembru, 2023 u fuq il-kapital tal-inkwilin fil-31 ta' Dicembru, 2023 u/jew dak il-perjodi rilevanti skond il-Ligi;*

***III.** F'kaz li jsib li l-intimat ma jissodisfax it-test tal-mezzi allura jiddikjara xjolta il-kirja vigenti favur l-intimat u jordna li l-inkwilin jkun permess sa' zmien ta' sentejn (2) sabiex il-fond in kwistjoni jigi vakat minnu filwaqt li jiffissa l-kumpens idoneju pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu;*

***IV.*** *F'kaz li jsib li l-intimat jissodisfa t-test tal-mezzi, allura jiddikjara u jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021, il-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal-fond in kwistjoni kif kien fl-1 ta' Jannar, 2024.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fl-20 ta' Marzu, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq:*

*https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra r-risposta ta' **Victor Scalpello** ippreżentata fl-24 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha eċċeppixxa is-segwenti:

1. *Illi l-intimat flimkien ma' martu Leonilda k/a Matilde Scalpello nee Formosa beda jirrisjedi fl-appartament bin-numru tlieta (3), formanti minn Blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali ħamsa u tletin (53) u bl-isem "Astra Flats", fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara madwar erbgħin sena ilu.*

*2. Illi n-nepputija tal-esponent (Amira El Khabuli, K.I. Nru: 0117203L) tinsab tirrisjedi ma' nannuha l-esponent Victor Scalpello fil-fond in kwistjoni u ilha hemm tirrisjedi għal dawn l-aħħar snin wara s-separazzjoni ta' bint l-esponent minn ma' missier Amira El Khabuli, u dan kif jista' jiġi evidenzjat mid-dokumenti uffiċjali tal-istess Amira El Khabuli hawn anness.*

*3. Illi l-intimat u n-nepputija tiegħu Amira El Khabuli ma għandhomx proprjetà alternattiva fejn jistgħu jirrisjedu għajr il-fond in kwistjoni mikri minnu;*

*4. Illi lanqas ma għandhom il-mezzi sabiex jakkwista proprjetà residenzjali oħra u għaldaqstant huma jiddependu għal kollox mill-kirja odjerna biex ma jispiċċawx barra fit-triq;*

*5. Illi l-intimat pensjonant ta' sitta u tmenin (86) sena u għalhekk ma għandux impjieg u introjtu fiss salv għall-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.*

*6. Fkaż illi dan l-Onorabbli Bord jiddeċiedi illi hemm lok sabiex jissoġġetta lill-esponent għat-test tal-mezzi, l-esponent ċertament jissodisfa l-kriterji kollha tad-dħul u tal-kapital tal-istess test tal-mezzi;*

*7. Illi l-esponent dejjem ħallas l-kera dovuta fil-ħin u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori;*

*8. Illi l-proprjetà in kwistjoni tinsab fi stat ta' manutenzjoni tajba u l-esponent jaġixxi b'konformità assoluta lejn l-obbligi u r-responsabbilitajiet bħala kerrej;*

*9. Illi fid-dawl tas-suespost u kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jirrevedi l-kirja pagabbli ai termini tal-Liġi, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis l-età u s-sitwazzjoni tal-esponent, il-benefikati illi saru fil-fond matul iż-żminjiiet u l-istat finanzjarju tal-intimat versus dak tar-rikorrenti sabiex b'hekk kwalunkwe kera tkun fl-inqas ammonti permessi u ż-żieda għandha tkun waħda gradwali u f'ammont li ma jeċedix ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) kif stabbilita mil-Liġi, hekk kif huwa fid-diskrezzjoni ta' dan il-Bord.*

*10. Illi mingħajr preġudizzju, il-liġi relattiva ġiet introduċuta bl-intiża li jinħoloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini. B'hekk, l-Ordinanza tistipula massimu ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur u għalhekk il-liġi m'hix tassattiva f'dan il-perċentwal u fl-umli opinjoni tal-intimati ma jeżistux il-kriterji neċessarja sabiex dan l-Onorabbli Bord imur għall-massimu stabbilit bil-liġi;*

*11. Illi dan il-Bord m'għandux jordna żgumbrament;*

*12. Illi f'każ li li l-kera li tiġi iffissata minn dana l-Bord tkun tali li ma tkunx tista' tiġi mħallsa mill-esponent, l-Awtorità tad-Djar għandha tassistih sabiex isibu residenza alternattiva jew tassistih permezz tal-iskema tas-sussidji tal-kera;*

*13. llli l-Awtorita' tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha, għandha twieġeb għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont ta' kera li jogħġbu jordna dan il-Bord;*

*14. Illi għaldaqstant, it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u t-talba kif kontenuta fir-rikors promotur tar-rikorrenti sabiex tiġi varjata l-kera għal-massimu ta' tnejn (2) fil-mija għandha tiġi miċħuda u l-massimu stipulat fil-liġi ċertament ma għandux jiġi akkordat.*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimat Ippreżentata fit-18 ta' Lulju 2024 li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond, 53, Flat 3, "Astra Flats", Triq il-Bwieraq, Birkirkara lill-intimat.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond odjern. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, li ma ġewx kontestati jew kontradetti.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimat pproduċa prova tad-dħul u tal-assi tiegħu.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimat jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimat kellu sitta u tmenin (86) sena.

**Fir-rigward tal-livell ta' dħul**, persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) sena jew iktar, tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix il-ħamsin elf ewro (€50,000).[1]

**Fir-rigward tal-livell ta' kapital**, persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) sena jew iktar, tissodisfa t-test tal-kapital jekk l-istess kapital ma jeċċedix is-sitt mitt elf ewro (€600,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

---

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimat jaqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfa il-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn u ħmistax-il elf ewro (€215,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi filwaqt li min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimat li, skont mill-informazzjoni pprovduta, m'għandux xi mezzi sostanzjali, min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta` tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 69 qabel dan ġie emendat bl-Att XXIV tal-2021 u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta'. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sidien li jieħdu frott mill-proprjeta` tagħhom u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-

Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti. Kif jirriżulta mid-dokument ippreżentat mar-risposta tal-Awtorita` tad-Djar, l-inkwilin jista' jiġi mgħejjun mill-imsemmija Awtorita` skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita`. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158[5] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, **Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana** et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[6]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Fir-risposta tiegħu l-intimat eċċeppixxa illi il-Bord għandu iqis il-benefikati li saru fil-fond matul iż-żminijiet. Madanakollu dan il-Bord ma jħossx illi ai fini ta' din il-kawża tali benefikati, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u dana għaliex kien l-istess intimat li proprju bbenefika u gawda mill-istess.

---

[3] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021.

[4] 1 ta' Diċembru 2021.

[5] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.

[6] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilin u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' erbat elef u tliet mitt ewro (€4,300) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat huwa l-inkwilin tal-fond appartament, internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn Blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali tlieta u ħamsin (53) u bl-isem ta' "Astra Flats" fi Triq il-Bwieraq ġewwa Birkirkara u dan ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li t-test tal-mezzi twettaq fil-mori ta' dawn il-proċeduri;
3. Jiċħad it-tielet talba stante illi l-intimat jissodisfa il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;
4. Jilqa' r-raba' talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera tal-fond 53, Flat 3, 'Astra Flats', Triq il-Bwieraq, Birkirkara għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' erbat elef u tlett mitt ewro (€4,300) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem mid-data ta' din is-sentenza;
5. Jiċħad l-eċċezzjonjiet tal-intimat safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**